# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 23 ta' Frar, 2001**

**Citaz.  numru:  879/97 M2 NA**

**Lilian Wismayer proprio et nomine**

**vs**

**Anthony Wismayer**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tat-22 ta' Mejju 2000 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, titlob lill-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili tordna lill-konvenut jallontana ruhhu mid-dar matrimonjali.

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta tal-konvenut fejn jitlob, ukoll ghar-ragunijiet hemm moghtija, li din it-talba tigi michuda.

Ir-rikors finalment instema' fis-seduta tat-28 ta' Dicembru 2000 fejn xehdu estensivament il-partijiet u fejn ir-rikors gie

ampjament ittrattat mid-difensuri rispettivi u differiet ghad-digriet kamerali, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi x-xhieda tal-partijiet hija kwazi ghal kollox konfliggenti fuq il-punti principali li huma rilevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza. Hekk, per ezempju, fuq l-effett fuq is-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal minuri, fuq il-vjolenza fizika u morali fil-konfront ta' l-attrici u fuq min, jekk xi hadd, qed johrog oggetti mid-dar matrimonjali. Mhuwiex pero' ikkontestat illi din id-dar, minkejja li dik matrimonjali, hija parafernali ghall-mara u li r-ragel ghandu diversi fondi immobbli li huma tieghu anke jekk tramite kumpannija li, pero', f'dan l-istadju l-maggior parti taghhom huma mikrijin lil terzi. Dan l-istat fattwali/legali ma jistax finalment ma jinfluwenzax lill-Qorti fis-sentenza finali taghha.

F'dan l-istadju pero' d-decizjoni li trid tittiehed hija jekk il-Qorti ghandhiex taghti din l-ordni *pendente lite*. Mil-lat legali ma jistax ikun ikkontestat li l-provvediment ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili ddahhal fl-ordinament guridiku taghna bl-Att XXI tal-1993 principalment biex jissalvagwardja u jaghti

protezzjoni f'kazijiet ta' certu serjeta' u urgenza bhal dawk tal-vjolenza fizika w il-korruzzjoni tal-minorenni. Din l-istess Qorti, pero', kif gustament irrileva d-difensur ta' l-attrici wara studju anke ta' gurisprudenza u dottrina estera estendiet il-kazijiet fejn applikat dan il-provvediment anke ghal fejn ikun hemm "*vjolenza morali u ta' biza', fondata u reali, ta' parti mill-ohra jew tal-minuri minn xi wiehed mill-genituri*". ("Mary Grech pro et vs Nazzareno sive Reno Grech" - 1/2/99). Eventwalment meta l-konflitt fid-dar matrimonjali "*twassal biex il-koppja assolutament ma tkunx tista' tabita taht l-istess saqaf, il-Qorti trid tabilfors tipprovdi, jigi ripetut, eventwalment fl-interess taz-zewg koppji u fejn hemm il-minuri fl-interess suprem taghhom.*" ("Grech vs Grech").

Mhux kull kaz pero' kellu jwassal ghal din il-mizura u fil-waqt illi gie kkonsidrat fid-dottrina Ingliza illi "*For example, it is accepted that, ideally, children need a stable environment, free from the tensions and anxiety created by the site of parents quarelling or fighting, and preferably in a home that they are used to, the matrimonial home.*" Gie wkoll ritenut "*In a number of recent cases, the Court of Appeal has reminded lower courts that they must also take into account the Draconian nature of a Nouster Order.*" (Il-kaz tal-Qorti ta' l-

Appell "Wiseman vs Simpson" - 1988 - il-kwotazzjonijiet huma mehuda minn "Family Law" - Carol Crowdy, Sweet & Maxwell, Second Edition, pagni 69 u 71). Dan l-element gie wkoll ikkonsidrat minn din il-Qorti fid-digrieti minnha moghtija "Elvira Chircop vs Carmelo Chircop" (6/11/97); u "Mary Grace Mallia vs Alfred Mallia" (14/10/98); u anke fid-digriet fuq citat "Grech vs Grech" fejn il-Qorti osservat "*Ovvjament kwalunkwe separazzjoni kwazi dejjem twassal ghat-tensjoni fid-dar konjugali. Din it-tensjoni, wahedha, jew flimkien mal-pika, konsegwenza wkoll ta' diversi separazzjonijiet, iwasslu ghal glied, tghajjir u akkuzi ohra. Fil-maggior parti tal-kazijiet din is-sitwazzjoni hija wahda li trid tigi accettata bhala konsegwenza umana tal-konflitt matrimonjali pero' f'dawn il-kazijiet ma twassalx sal-punt illi l-koppja ma tkunx tista' aktar tirresjedi fl-istess dar fl-interess tat-tnejn u tat-tfal minuri.*" - U ghalhekk ghandha necessarjament twassal ghal dan il-provvediment.

Dan ghaliex huwa rikonoxxut ukoll li f'dan il-kaz kuntrarjament ghal dak tal-kura u kustodja, l-interess tal-minuri huwa wiehed biss mill-fatturi li jridu jigu meqjusa ghax iridu jigu kkunsidrati wkoll fatturi ohra bhall-interess tal-persuna li tkun sejra tigi mkeccija mill-istess dar. Fil-kaz Ingliz ta' "Richards vs

Richards" gie ritenut "*That none of the factors listed ..... including the needs of the children, was to be accorded a priority or paramountancy over the others.*"  Fejn il-Qorti kienet qed tikkonsidra "*ouster applications*".  Minkejja illi din il-Qorti forsi ma tasalx sa hawn mahemmx dubbju illi l-interess tat-tfal ma huwiex dak uniku f'din il-materja kuntrarjament ghall-kwistjonijiet aktar direttament rilevanti mat-trobbija taghhom.

Applikat dawn il-konsiderazzjonijiet ghall-kaz prezenti l-Qorti fil-kuxjenza thoss illi l-konflitt bejn din il-koppja w il-fatt illi ilhom zmien twil ma jghixu bhala koppja mizzewga ma hijiex sitwazzjoni daqstant strenwanti aktar mill-istress li huwa konsegwenza ta' kawza ta' din in-natura li pero' huwa fil-maggior parti tieghu direttament konsegwenzjali tal-falliment taz-zwieg innifsud aktar milli tal-fatt li din il-koppja ghadha qieghdha tabita taht l-istess saqaf.

Il-Qorti setghet indagat ulterjorment billi hadet ukoll l-opinjoni tat-tfal minuri.  Dehrilha pero' li dan ma kellhiex taghmlu f'din il-materja fejn allura t-tfal qed jintalbu jiehdu naha jew ohra bejn il-genituri taghhom.  Effettivament il-linja li normalment tiehu din il-Qorti f'dan ir-rigward huwa li tkellem lill-minuri

possibbilment biss fejn dan huwa essenzjali f'materji li jirrigwardawhom direttament, bhal kura u kustodja u l-access relattiv.

Dawn ic-cirkostanzi kollha jwasslu lill-Qorti biex, almenu f'dan l-istadju, tichad it-talbiet attrici.  Kif ghamlet pero' f'digrieti ohra l-Qorti minn issa qieghdha tavverti lill-konvenut li din is-soluzzjoni ma tistax tkun u ma ghandhiex tkun wahda permanenti f'kaz fejn hemm postijiet alternattivi fejn huwa jista' jabita.  Il-Qorti pero' wkoll dehrilha illi din is-soluzzjoni permanenti kellha tkun wahda totali u kompleta fejn fis-sentenza finali jigu decizi mhux biss il-kwistjoni tad-dar matrimonjali izda wkoll il-kwistjonijiet tal-kura u kustodja w access ghall-minuri, ta' l-alimenti u ta' materji ohra li donnhom il-partijiet huma in kontestazzjoni dwarhom f'din il-kawza tal-firda personali taghhom.

L-ispejjes huma riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.